ZIEDA TA' KUNJOM TA' MINURI

ART 292A

ZBALL FIL-KUNJOM

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 1085/2015/LSO**

**Peter Buhagiar (ID Nru 306773M) u Clenda Buhagiar Argento (ID Nru 344176M), a nom u in rapprezentanza tal-minuri Krista Buhagiar (ID Nru 362707L)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Peter Buhagiar u Clenda Buhagiar Argento datat 16 ta' Novembru 2015 fejn Peter Buhagiar (ID Nru 306773M) bil-gurament tieghu ikkonferma li huwa jaf bis-segwenti fatti personalment: -

Illi r-rikorrenti Peter Buhagiar u Clenda Buhagiar Argento huma mizzewgin kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 595 tas-sena 2000 (Dok A), u miz-zwieg ta' bejniethom twieldu zewgt itfal bl-ismijiet Trudie, li twieldet fl-24 ta' Frar 2003 (Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 811 tas-sena 2003 anness u mmarkat bhala Dok B) u Krista li twieldet fl-1 ta' Novembru 2007 (Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 3627 tas-sena 2007 anness u mmarkat bhala Dok C);

Illi mat-twelid taghhom, iz-zewg ahwa Trudie u Krista gew registrati bil-kunjom ta' missierhom Buhagiar;

Illi l-konjugi r-rikorrenti kellhom l-intenzjoni li jzidu wara isem u kunjom it-tfal anki l-kunjom tal-omm "Argento", u dan kif permess mill-ligi *ai termini* tal-artikolu 4 subinciz (3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-kaz ta' binthom Trudie ir-rikorrenti ziedu l-kunjom tal-omm biex b'hekk isimha fl-Att

tat-Twelid gie jaqra Trudie Buhagiar Argento, billi inqdew bil-procedura permessa lilhom *ai termini* tal-*proviso* tal-istess artikolu fuq imsemmi *stante* li hija twieldet qabel is-7 ta' Awwissu 2007, u dan kif jidher mill-Att tat-Twelid anness bhala Dok B;

Illi r-rikorrenti pero' ma setghux jinqdew bl-istess procedura fil-kaz ta' binthom Krista peress li hija twieldet ftit xhur wara s-7 ta' Awwissu 2007;

Illi l-intenzjoni taghhom kienet illi z-zewg ahwa jiehdu l-istess kunjom "Buhagiar Argento", li huwa wkoll kunjom ommhom, izda minhabba l-anomalija bejn il-procedura biex isir dan fil-kaz tat-tifla l-kbira u dik li kellha ssir fil-kaz tat-tifla z-zghira, huma ma rrealizzawx li fil-kaz ta' binthom iz-zghira Krista kellhom jindikaw dan meta taw l-avviz tat-twelid taghha kif jitlob l-artikolu 292A;

Illi huma jixtiequ li anki t-tifla z-zghira Krista tkun tista' tuza kunjom xbubit ommha Argento wara kunjom missiera Buhagiar bhal ohtha u bhal ommha;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna, jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid numru

3627/2007 li permezz taghha jigi annotat li l-minuri Krista Buhagiar tkun maghrufa bhala "Krista Buhagiar Argento".

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, li huwa minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 11 ta' Frar 2016 (fol 24) fejn Dr Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u *in linea* preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa, li permezz tagħha Peter Buhagiar u Clenda Buhagiar Argento ġew maħtura bħala kuraturi *ad litem* in rappreżentanza ta' binthom minuri Krista Buhagiar skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 781 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi bla ħsara, l-esponent jirrileva għal kull buon fini, illi hemm din id-distinzjoni fil-procedura hekk kif ġie deskritt fir-

rikors in risposta *stante* li l-ġenituri tal-minuri li twieldu qabel id-data msemmija, cioé fis-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) ma kienx ikollhom din l-għażla li jistghu jżudu kunjom xbubit l-omm wara dak tal-missier fir-rigward tal-minuri li twieldu fir-rabta' taż-żwieġ, filwaqt li illum il-ġurnata *ai termini* tal-**Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-ġenituri għandhom jiddikjaraw din l-għażla fir-rigward ta' dawk il-minuri li twieldu wara s-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fil-punt tan-notifika tat-twelid tal-minuri. B'hekk issa dawk il-ġenituri tal-minuri li twieldu wara s-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) jingħataw ċans wieħed biex jiddeċiedu x'kunjom jixtiequ li l-minuri tagħhom jibda jassumi u din l-għażla għandha tkun finali meta jimlew id-dikjarazzjoni *ai termini* ta' **Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti għandhom jikkjarifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qiegħdin isejjsu l-azzjoni tagħhom ħalli b'hekk l-esponent jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi huma qiegħdin jorbtu l-proċeduri istanti;

5. Illi mingħajr ħsara għal fuq espost, mill-mod ta' kif inhi kostruwita t-talba tar-rikorrenti, jidher li din it-talba qed issir

*ai termini* **tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan *stante* li t-talba taqra *'Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-annotazzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid numru **3627**/2007 li permezz tagħha jiġi annotat li l-minuri Krista Buhagiar tkun magħrufa bħala "Krista Buhagiar Argento"'.* Illi l-esponent jeċċepixxi li l-azzjoni taħt dan **l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** tista' ssir biss fir-rigward ta' **ismijiet** kif jidhru fuq **l-att tat-twelid ta' persuna**. [*Enfasi tal-esponent*]. Illi din it-talba kif inhi postulata ma treġiex fuq dan is-sub artikolu u għaldaqstant dan l-artikolu mhux applikabbli *stante* li f'dan il-każ it-talba qiegħda ssir għall-annotazzjoni fir-rigward **tal-kunjom** tal-minuri Krista Buhagiar u mhux f'rigward **isimha**. [*Enfasi tal-esponent*];

6. Illi mingħajr ħsara għall-premess, mill-banda l-oħra, **l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jirregola l-ħtieġa ta' korrezzjoni abbażi ta' żball. [*Enfasi tal-esponent*] Illi l-esponent jirrileva li sabiex tintalab korrezzjoni jeħtieġ li jiġi pruvat illi hemm xi żball fiċ-ċertifikat in eżami. Illi fil-każ *de quo* ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tal-imsemmija minuri tar-rikorrenti illi kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Dan *stante* li l-uffiċjali tad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku niżlu *ad litteram* l-informazzjoni mogħtija lilhom mir-rikorrenti stess fid-dikjarazzjoni li huma għamlu *ai termini* ta' **Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, fejn ir-rikorrenti indikaw li l-għażla tagħhom ta' kunjom għall-minuri tagħhom huwa '*Buhagiar*' u mhux '*Buhagiar*

*Argento*'. [*Enfasi tal-esponent*] Illi *in vista* tal-fatt li ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni fuq iċ-ċertifikat in kwistjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat ċivili skont id-dettami ta' l-**Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti lanqas ma tista' treġi fuq dan is-sub-artikolu u b'hekk għandha tiġi miċħuda;

7. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponent joġġezzjona għat-talba tar-rikorrenti, abbażi tad-dikjarazzjoni li r-rikorrenti ssottomettew *ai termini* ta' **Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** fejn huma għażlu li l-minuri tagħhom Krista għandha tibda tassumi l-kunjom '*Buhagiar*' u mhux '*Buhagiar Argento*'. Magħdud ma' dan, hemm il-fatt ukoll illi r-rikorrent Peter Buhagiar stess bħala d-ddikjarant fuq l-att tat-twelid ta' bintu Krista li jġib in-numru progressiv ta' tlett elef, sitt mija, sebgħa u għoxrin (3627) tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jidher illi aċċetta li l-kunjom tal-imsemmija minuri kellu jkun '*Buhagiar*' biss, *stante* illi qabel ma l-att in kwistjoni jgħaddi għar-reġistrazzjoni, l-att jiġi mgħoddi lil persuna li tkun għamlet in-notifika sabiex tara li l-informazzjoni fl-att hija korretta u biex sussegwentament tiffirma l-istess att. Għaldaqstant f'dan il-każ l-att ġie ċċekjat u ffirmat minn missier il-minuri, cioè Peter Buhagiar, u b'hekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi assoġġettat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

8. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex

edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

9. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 17 ta' Mejju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti r-rikorrent. Dr Louise Sant Fournier irtirat it-talba taghha fuq il-kap tal-ispejjez. Dr Borg *in vista* ta' dan il-verbal iddikjarat li ma kellhiex provi x'tipproduci u rrimettiet ruhha ghal decizjoni tal-Qorti u ghar-risposta guramentata taghha. Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kawza fil-qosor. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrenti qed jaghmlu din it-talba *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fid-19 ta' Novembru 2015 (fol 11) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-talba odjerna hi indirizzata lejn il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti, (Att numru 3627/2007 esebit bhala **Dok C**) billi qed jitolbu li l-kunjom kif registrat fuq ic-certifikat tat-twelid ta' binthom jigi korrett u minflok, "Krista Buhagiar" tkun maghrufa bhala "Krista Buhagiar Argento."

Ir-rikorrent **Peter Buhagiar** fl-affidavit tieghu (fol 180) qal li wara z-zwieg tieghu ma' Clenda Buhagiar Argento, huma kellhom zewgt itfal, Trudie u Krista. Spjega li meta twieldet Trudie, huma rregistrawha bhala Trudie Buhagiar, izda peress li xtaqu jaghtu lit-tfal taghhom il-kunjom xbubit ta' l-omm ukoll "Argento", meta vverifikaw mar-Registru Pubbliku, nfurmawhom, li dan seta' jsir fir-rigward ta' Trudie biss billi mlew formola ghaz-zeida tal-kunjom. Qal li gew infurmati li fir-rigward ta' binthom Krista dan ma setax isisr *stante* li twieldet wara li kien ghalaq iz-zmien biex issir din il-procedura permezz tal-mili tal-formola.

**Clenda Buhagiar Argento** xehdet b'affidavit (fol 20) u qalet li maz-zwieg taghha, kunjomha sar Buhagiar Argento. Qalet li meta twieldu z-zewgt itfal taghhom, it-tnejn gew irregistrati bil-kunjom Buhagiar biss mat-twelid, izda meta vverifikaw mar-Registru Pubbliku dwar il-procedura biex il-kunjom tat-tfal taghhom ikun "Buhagiar Argento", irnexxielhom jaghmlu dan biss fir-rigward tat-tifla Trudie billi mlew formola ghaz-zieda fil-kunjom. Ma thallewx jaghmlu dan fir-rigward tat-tifla taghhom Krista *stante* li twieldet wara li ghalaq iz-zmien ghal din il-procedura.

Jirrizulta li r-rikorrenti diga mlew il-formola skont kif rikjest mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, sabiex issir korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' binthom l-ohra, b'hekk kunjomha sar Trudie Buhagair Argento, kif jirrizulta minn Dok PB1 (fol 19). Illi fil-kaz ta' binthom Krista, l-istess procedura ma kinitx possibli peress li twieldet wara li skada z-zmien ghal din il-procedura, ghalhekk ipprocedew bil-kaz odjern. Ikkonsidrat li dan jirrizulta mid-dokumenti esebiti, u jinsab korroborat mill-affidavits tar-rikorrenti.

Ikkonsidrat li *ai termini* tal-**artikolu 4(3) tal-Kodici Civili**, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz odjern, il-minuri hadet awtomatikament il-kunjom tal-missier biss billi r-Registru Pubbliku ma kienx mgharraf bl-ghazla li l-minuri kienet ser tiehu wkoll il-kunjom tal-omm.

Ikkonsidrat li dak sostnut mir-rikorrenti mhuwiex ikkontestat. Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-mertu ta' dan il-kaz.

Fid-dawl ta’ dan, wara li rat l-affidavits u d-dokumenti, din il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u ghandha tirnexxi.  Ghalhekk, takkolji t-talba tar-rikorrenti.

Referibbilment ghall-hames u s-sitt eccezzjoni tal-intimat, gie, dikjarat mill-avukat difensur tar-rikorrenti li l-kawza odjerna qed issir taht l-artikolu 253 tal-Kap 16 (fol 30). Illi jirrizulta kemm mill-premess, kif ukoll mit-talba tar-rikorrenti, li qed jinvokaw l-artikolu 253(1) tal-Kap 16, sabiex l-att tat-twelid ta’ binthom jigi korrett.

Dan il-punt kien indirizzat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell f'sentenza ricentissima fl-ismijiet:  **Julia Manduca et v Direttur tar-Registru Pubbliku** (Dec. fis-27 ta' Mejju 2016).

Fl-appell tieghu, l-intimat issottometta li skont l-Artikolu 292A, l-indikazzjoni ta’ x’kunjom ser taddotta t-tarbija għandha tingħata fil-mument meta jingħata l-Avviż tat-twelid permezz tal-konsenja ta’ dikjarazzjoni magħmula mill-ġenituri tat-tarbija li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tarbija se tuża. F'dak il-kaz ir-rikorrenti appellati indikaw li l-kunjom li se tuża t-tarbija tagħhom Hannah huwa “Douglas-Fryer” biss.

Huwa utili ghalhekk li ssir riferenza ghal din is-sentenza billi din il-Qorti riskontrat hi stess talbiet simili u ma hemmx raguni li wiehed jahseb li ma jkunx hemm aktar fil-futur.

Il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat li :

*"Il-kwistjoni kollha f'din il-kawża hija jekk dan il-fatt jistax jiġi korreġġut abbażi tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili.*
*- omissis-*
*Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta' persuna jew le jidher li jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet* ***Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***[1] *il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili awtorizzat il-bdil ta' kunjom minn "Dowling Attard" għal "Dowling" in vista tal-fatt li l-attur kien dejjem magħruf b'tali kunjom. Il-"bdil" tal-kunjom f'tali każ kien jirrikjedi sempliċiment it-twaqqiegħ ta' wieħed minn żewġ kunjomijiet. Fil-kawża fl-ismijiet* ***Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***,[2] *invece, din il-qorti (diversament komposta) ċaħdet it-talba għal bdil ta' kunjom minn "Schembri" għal "Damian-Schembri". Għalkemm kien irriżulta li l-attur* (li jismu Damian) *mal-milja tas-snin beda jikteb kunjomu "Damian-Schembri", il-qorti irriteniet li ma kienx ġustifikat li hija tagħti timbru uffiċjali għal dan l-"istil" u għalhekk ċaħdet it-talba. L-istess kien ġara fil-kawża* ***Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***[3] *kawża fejn l-attur kien ried ibiddel kunjomu minn "Balzan" kif jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu għal "Balzan Imqareb". Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet irriteniet li ma jidhirx li taħt il-liġi nostrana dak li jkun bis-sempliċi volonta` tiegħu jista' jippretendi li jbiddel kunjomu jew jesiġi ratifika anke jekk għalih isarraf bħala xi sinjal distintiv tal-identita` tiegħu."*

---

[1] **Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 09.04.2002 – RCP)
[2] **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (App Sup. 16.12.2003)
[3] **Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 30.06.2004 – PS)

Illi l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li talba simili tista' tinkwadra fit-termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16 billi dak li qed jintalab huwa li jigi korregut zball u mhux li jinbidel il-kunjom tal-minuri. Gie ribadit li dan l-artikolu ma jispeċifikax x'tip ta' "żball" jista' jiġi korreġut u għalhekk fil-fehma tal-qorti l-"iżvista" tar-rikorrenti tista' tinkwadra taħtu.

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament li hu applikabbli wkoll fil-kaz odjern minhabba li r-rikorrenti genwinament fehmu li setghu juzaw l-istess procedura applikabbli ghal binthom il-kbira wkoll fil-kaz taz-zghira.

Referibbilment ghall-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrenti *stante* li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati in kwantu inkompatibbli ma' din is-sentenza, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent b'dan li:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid numru 3627/2007 li permezz taghha jigi annotat li l-minuri Krista Buhagiar tkun maghrufa bhala "Krista Buhagiar Argento".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2016**